# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2006/0133(COD)**

28.3.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-*roaming* fuq netwerks pubbliċi mobbli fi ħdan il-Komunità u li temenda d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi
(COM(2006)0382 – – C6-0244/2006 – 2006/0133(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Joseph Muscat

(*) Koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumitati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**Introduzzjoni**

Aħna nappoġġjaw id-direzzjoni ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni u naħsbu li hija bażi tajba biex fuqha tinbena leġiżlazzjoni pro-attiva.

Hemm lok għal titjib fil-proposta, sabiex tiddefendi aħjar id-drittijiet tal-konsumatur u sabiex issir iktar sostenibbli mill-perspettiva ta' l-industrija.

Din se tkun opportunità għall-Parlament Ewropew biex juri li kapaċi jinnegozja ftehim ġust għall-operaturi u, l-iktar importanti, għall-konsumaturi.

**Motivazzjoni**

Jidher ċar li hemm falliment tas-suq fis-settur tar-roaming u jeħtieġ li jiġi indirizzat.

Il-konsumaturi, speċjalment dawk l-iktar vulnerabbli, għandhom dritt li jkunu protetti. Madankollu, il-konsumaturi huma intelliġenti u kapaċi jiddeċiedu għalihom infushom. L-irwol tagħna m'huwiex li nieħdu d-deċiżjoni għalihom iżda li nagħtuhom l-informazzjoni kollha, nipprevjenu l-abbużi u nħalluhom jieħdu deċiżjoni infurmata tajjeb.

L-operaturi, li ħafna minnhom investew bi sħiħ u tejbu t-telekommunikazzjoni fl-Ewropa, għandhom dritt għal qligħ ġust u leġittimu.

Għandu jkun hemm iktar kompetizzjoni, kemm bejn l-operaturi ż-żgħar u dawk kbar fis-suq, biex b'hekk joffru lill-konsumaturi servizzi ta' livell għoli bi prezz ġust.

Il-viżjoni fuq perijodu twil hi ta' suq intern Ewropew effettiv fit-telekommunikazzjoni.

**Prinċipji**

*It-trasparenza*
Soluzzjoni ċara, trasparenti u sostenibbli, mingħajr sorpriżi moħbija għall-konsumaturi.

*Is-sempliċità*
Regolament li jinftiehem u mingħajr tidwir.

*Il-flessibilità*
Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni sħiħa sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu bejn l-offerti varji li jagħmlu l-operaturi.

**Kwistjonijiet Speċifiċi**

*It-trasparenza*

Qed nipproponu sistema "push" ta' informazzjoni bl-SMS, li permezz tagħha l-konsumaturi jirċievu awtomatikament SMS b'informazzjoni mqassra meta jirreġistraw fuq netwerk.

Informazzjoni sħiħa għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas permezz ta' sistema SMS "pull" u permezz ta' telefonata bil-vuċi.

Il-konsumaturi għandhom jingħataw il-possibilità li jagħżlu f'kull ħin li ma jirċevux l-informazzjoni "push".

Hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għal persuni b'diżabilità (b'nuqqas ta' vista).

*Negozju bl-ingrossa*

Nipproponu limitu massimu wieħed ta' negozju bl-ingrossa, li jissimplifika s-sistema u li fuqu hemm ftehim wiesa' fil-Parlament, mal-Kummissjoni u fil-Kunsill.

*Negozju bl-imnut*

Ir-regolamentazzjoni tan-negozju bl-imnut hi meħtieġa biex ikun assigurat li l-iffrankar jgħaddi lill-konsumaturi.

Ir-regolamentazzjoni m'għandhiex twassal għal offerta unika fis-suq kollu. Għalhekk aħna favur li nirrevedu l-limiti massimi b'mod adegwat biex jiġu kkunsidrati l-ispejjeż għal kull ras relevanti u jippermettu l-kompetizzjoni filwaqt li ma jxekklux l-interessi tal-konsumatur.

*Il-flessibilità*

Irridu aktar kompetizzjoni bi prezzijiet iktar ġusti. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu bejn pakketti differenti, filwaqt li jkunu protetti minn prezzijiet inġusti. Huwa għalhekk li qed nipproponu sistema li permezz tagħha l-konsumaturi ġodda kollha se jitpoġġew awtomatikament fuq it-Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur. Meta jiġu mogħtija informazzjoni sħiħa, il-konsumaturi se jkunu jistgħu jagħżlu jekk iżommux din it-tariffa jew jagħżlux xi ħaġa oħra.

*Is-sempliċità*

Ir-Regolament għandu jipprovdi prezz massimu li 'l fuq minnu l-konsumaturi ma jistgħux jintalbu jħallsu sakemm ma jagħmlux għażla infurmata dwar alternattiva. Dan il-prezz massimu għandu jkun wieħed għall-Unjoni Ewropea kollha. Din tkun kisba ċara u tanġibbli tal-Parlament Ewropew favur il-konsumaturi.

*Prezzijiet nazzjonali*

Qed nagħmluha ċara li peress li bħala leġiżlaturi qed nuru l-flessibilità meħtieġa, l-ibbilanċjar mill-ġdid ta' tariffi nazzjonali mill-operaturi biex ipattu għal dħul inqas fuq roaming mhux se jkun aċċettabli u se jkun miftuħ għall-iskrutinju.

*L-operaturi iżgħar, indipendenti*

Ma jidhirx li hemm argument ekonomiku biex isaħħaħ il-kwistjoni emozzjonali u sensittiva

dwar uħud mill-operaturi iżgħar u indipendenti li qed jitolbu għal klawżola non-diskriminatorja li permezz tagħha operatur żgħir ikollu jħallas l-istess tariffa bl-ingrossa minn operatur ieħor bħal dik offruta lil operatur kbir (forsi ta' l-istess netwerk). Hemm raġuni biex wieħed jemmen li b'dispożizzjoni bħal din, il-prezzijiet bl-ingrossa jistabilizzaw fl-ogħla rata, u f'xi każijiet jistgħu jnaqqsu l-poter ta' negozjar ta' l-operaturi iżgħar

Din hi problema li diġà teżisti u ma ġietx ikkawżata mir-Regolament propost. Bl-istess mod, ir-Regolament propost mhux il-mezz ideali biex jindirizzaha.

Anke jekk jista' jkun hemm kwistjonijiet għall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, dik il-proċedura jista' jkun li ma ssirx daqstant malajr biex tkun effettiva.

Għalhekk, minħabba l-fatt li nemmnu li l-operaturi iżgħar u indipendenti huma essenzjali għall-kompetizzjoni, qed nitolbu lill-Kummissjoni tanalizza l-problema u tippreżenta proposta fi żmien 12-il xahar.

*SMS, MMS u dejta*

L-analiżi magħmula mill-Kummissjoni hija limitata għat-telefonija bil-vuċi. M'hemmx analiżi tas-sitwazzjoni fis-swieq ta' l-SMS, ta' l-MMS u tad-data, li huma ta' natura differenti anke bejniethom.

Analiżi mhix regolamentata tikser il-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar, jagħmel ir-Regolament vulnerabbli, u effettivament iddewwem il-leġiżlazzjoni b'ta' l-inqas sena.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill- Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

| Test propost mill-Kummissjoni[1] | Emendi tal-Parlament |
|---|---|
| Emenda 1<br>PREMESSA 1 | |
| (1) ***Il***-livell għoli tal-prezzijiet li jħallsu l-utenti tan-netwerks telefoniċi mobbli pubbliċi meta jkunu qed jużaw il-mowbajl tagħhom meta jkun msiefra fi ħdan il-Komunità huwa *għajn* ta' tħassib għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Il-Grupp tar-Regolaturi Ewrope jinnota, fil-laqgħa plenarja tiegħu f'Mejju 2005 (*inter alia*), li t-tariffi bl-imnut kienu għolja ħafna mingħajr ġustifikazzjoni ċara; li dan jidher li jirriżulta kemm minn tariffi bl-ingrossa għoljin miżmuma mill-operatur tan-netwerk barrani ospitanti kif ukoll, f'bosta każijiet, minn awmenti (*mark-ups*) għoljin fuq il-bejgħ bl-imnut li jinżammu mill-operatur tan-netwerk proprju tal-konsumatur; li t-tnaqqis fit-tariffi bl-ingrossa spiss *ma jgħaddix għall*-konsumatur li jixtri bl-imnut; u li kien hemm rabtiet b'saħħithom bejn is-swieq fl-Istati Membri differenti. | (1) ***Ħafna operaturi reċentament introduċew skemi ta' tariffi li jnaqqsu t-tariffi roaming lill-konsumaturi. Madankollu l***-livell għoli tal-prezzijiet li jħallsu l-utenti tan-netwerks telefoniċi mobbli pubbliċi meta jkunu qed jużaw il-mowbajl tagħhom meta jkun msiefra fi ħdan il-Komunità ***jibqa'*** *kwistjoni* ta' tħassib għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, ***kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u għall-Parlament Ewropew***.Il-Grupp tar-Regolaturi Ewrope jinnota, fil-laqgħa plenarja tiegħu f'Mejju 2005 (*inter alia*), li t-tariffi bl-imnut kienu għolja ħafna mingħajr ġustifikazzjoni ċara; li dan jidher li jirriżulta kemm minn tariffi bl-ingrossa għoljin miżmuma mill-operatur tan-netwerk barrani ospitanti kif ukoll, f'bosta każijiet, minn awmenti (*mark-ups*) għoljin fuq il-bejgħ bl-imnut li jinżammu mill-operatur tan-netwerk proprju tal-konsumatur; li t-tnaqqis fit-tariffi *bl-ingrossa* spiss ma *ngħaddiex* lill-konsumatur li jixtri bl-imnut; u li kien hemm rabtiet b'saħħithom bejn is-swieq fl-Istati Membri |

[1] ĠU Ċ... Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

differenti.

*Ġustifikazzjoni*

Biex jirrifletti s-sitwazzjoni attwali

Emenda 2
PREMESSA 9

(9) ***Minkejja li*** l-qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet apparenti dak iż-żmien, ***ipprevedew it-tneħħija tax-xkiel*** għall-kummerċ fil-qasam li jarmonizza dan il-qafas, ***dan ma jistax*** iżomm milli jiġu adattati r-regoli armonizzati ***pari passu ma' kunsiderazzjonijiet oħra sabiex jinstabu*** l-mezzi ***l-aktar*** effettivi sabiex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur ***filwaqt li jitjiebu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern***.

(9) ***Il***-qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet apparenti dak iż-żmien, ***immira lejn it-tneħħija*** ta' ***l-ostakoli*** *kollha* għall-kummerċ ***bejn l-Istati Membri*** fil-qasam li jarmonizza dan il-qafas***, inter alia fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw il-prezzijiet għall-utenti fi Stati Membri oħra***. ***Madankollu dan m'għandux*** iżomm milli jiġu adattati r-regoli armonizzati ***fejn, fid-dawl ta' l-esperjenza, adattament bħal dan jirriżulta meħtieġ sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-iffunzjonar tas-suq intern u fl-istess ħin jipprovdi aktar*** mezzi effettivi sabiex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur.

*Ġustifikazzjoni*

*Biex ikun enfasizzat l-impatt tal-proposta fuq l-iffunzjonar tas-suq intern u fuq il-ħarsien tal-konsumatur.*

Emenda 3
PREMESSA 10

(10) ***Jeħtieġ għalhekk li jiġi emendat il-***qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi ***sabiex ikun jista' jkun hemm tluq mir-regoli li kieku jkunu applikabbli, partikolarment li l-prezzijiet għall-għoti ta' servizz għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' ftehim kummerċjali fin-nuqqas ta' setgħa tas-suq sinifikanti, u b'hekk tiġi akkomodata l-introduzzjoni ta'*** obbligi regolatorji kumplimentari li jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi tar-roaming internazzjonali.

(10) ***Il***-qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi ***għandu jitlesta kif meħtieġ b'regoli speċifiċi dwar is-servizzi internazzjonali tar-roaming***. ***Dawk ir-regoli speċifiċi għandhom jinkludu*** obbligi regolatorji kumplimentari li jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi tar-roaming internazzjonali.

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-premesaa 9See justification to recital 9.*

Emenda 4
PREMESSA 11

| | |
|---|---|
| ***(11) Is-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa jura karatteristiċi speċifiċi li jiġġustifikaw miżuri eċċezzjonali li jmorru lil hinn mill-mekkaniżmi disponibbli skond il-kwadru regolatorju ta' l-2002.*** | ***mħassar*** |

Emenda 5
PREMESSA 12

| | |
|---|---|
| (12) L-obbligi regolatorji għandhom jiġu imposti fuq il-livelli sew ta' l-ingrossa sew ta' l-imnut sabiex jitħarsu l-interessi tal-konsumaturi li jużaw ir-*roaming*, minħabba li l-esperjenza wriet li t-tnaqqis tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi tar-*roaming* internazzjonali jistgħu ma jkunux riflessi fi prezzijiet bl-imnut inqas għar-*roaming*, minħabba li mhemmx inċentivi biex dan isir; min-naħa l-oħra, l-azzjoni biex jitnaqqas il-livell tal-prezzijiet bl-imnut mingħajr ma jiġi indirizzat il-livell ta' l-ispejjeż bl-ingrossa marbuta ma' l-għoti ta' dawn is-servizzi jissogra li jħarbat *it-tħaddim* ordnat tas-suq internazzjonali tar-*roaming*. | (12) L-obbligi regolatorji għandhom jiġu imposti fuq il-livelli sew ta' l-ingrossa *u* sew ta' l-imnut sabiex jitħarsu l-interessi tal-konsumaturi li jużaw ir-*roaming*, minħabba li l-esperjenza wriet li t-tnaqqis tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi tar-*roaming* internazzjonali jistgħu ma jkunux riflessi fi prezzijiet bl-imnut inqas għar-*roaming*, minħabba li mhemmx inċentivi biex dan isir; min-naħa l-oħra, l-azzjoni biex jitnaqqas il-livell tal-prezzijiet bl-imnut mingħajr ma jiġi indirizzat il-livell ta' l-ispejjeż bl-ingrossa marbuta ma' l-għoti ta' dawn is-servizzi jissogra li jħarbat *l-iffunzjonar* ordnat tas-suq internazzjonali tar-*roaming*.***Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-riskju li operaturi iżgħar, independenti jew li għadhom jibdew, jiġu offruti kundizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi roaming li jimpedixxu l-kapaċità tagħhom li jikkompetu, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni immedjata u xierqa f'każ li jiġi aċċertat xi abbuż.Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-effetti ta' dan ir-Regolament dwar is-sitwazzjoni kompetittiva ta' operaturi iżgħar, indipendenti jew li għadhom jibdew.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi enfasizzat il-bżonn li kull impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni jiġi segwit mil-qribTo emphasise the need to closely follow any negative impact on competition.*

Emenda 6
PREMESSA 13

(13) L-obbligi riżultanti għandhom jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli, ***filwaqt li jipprovdu lill-operaturi kkonċernati b'perjodu raġonevoli biex jadattaw il-prezzijiet u l-offerti ta' servizz tagħhom sabiex jiżguraw il-konformità***, u japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha.

(13) L-obbligi riżultanti għandhom jidħlu fis-seħħ mill-iktar fis possibbli u japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jirrifletti l-emenda ta' l-Artikolu 5 tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li l-prezzijiet bl-imnut tar-regolament jidħlu fis-seħħ wara tliet xhur minflok wara sitt xhur kif propost mill-Kummissjoni.To reflect the amendment of Article 5 of the Commission proposal, providing that regulation of retail prices comes into effect after three months instead of the six months proposed by the Commission.* Emenda 7
PREMESSA 15

(15) L-aktar mekkaniżmu effettiv u proporzjonat biex jirregola l-livell tal-prezzijiet biex isiru *sejħiet* roaming internazzjonali skond il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fuq huwa t-twaqqif fuq livell Komunitarju ta’ tariffi massimi kull minuta fuq il-livelli ***sew ta' l-imnut u*** sew ta' l-ingrossa.

(15) L-aktar mekkaniżmu effettiv u proporzjonat biex jirregola l-livell tal-prezzijiet biex isiru *telefonati* roaming internazzjonali skond il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fuq huwa t-twaqqif fuq livell Komunitarju ta’ tariffi massimi kull minuta fuq il-livelli sew ta' l-imnut u sew ta' l-ingrossa. ***Fil-livell ta' bejgħ bl-imnut huwa xieraq li tiġi ffissata Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur li operaturi jkunu obbligati li joffru lill-konsumaturi tar-roaming. Din issir il-punt ta' referenza li miegħu jitqabblu offerti oħra ta' bejgħ bl-imnut u b'hekk jiġi żgurat prezz ġust għall-konsumatur. It-Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur għandha tiġi ffissata f'livell li jiggarantixxi marġini suffiċjenti għall-operaturi u li jinkoraġġixxi offerti tar-roaming kompetittivi b'rati irħas.***

Emenda 8
PREMESSA 16

| | |
|---|---|
| (16) Dan il-mekkaniżmu komuni għandu jiżgura li t-tariffi bl-imnut għar-roaming internazzjonali jipprovdu riflessjoni aktar raġonevoli ta' l-ispejjeż sottostanti involuti fl-għoti tas-servizz milli kien il-każ, filwaqt li jippermetti lill-operaturi li jkunu ħielsa li jikkompetu billi jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jadattaw l-istrutturi ta' l-pprezzar tagħhom għall-kundizzjonijiet tas-suq u l-preferenza tal-konsumatur. | (16) Dan il-mekkaniżmu komuni għandu jiżgura li t-tariffi bl-imnut għar-roaming internazzjonali jipprovdu riflessjoni aktar raġonevoli ta' l-ispejjeż sottostanti involuti fl-għoti tas-servizz milli kien il-każ, ***permezz ta' Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur offruta lill-konsumaturi kollha tar-roaming li tirrifletti marġini raġjonevoli fuq il-prezz bl-ingrossa tal-provediment tas-servizz roaming*** filwaqt li jippermetti lill-operaturi li jkunu ħielsa li jikkompetu billi jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jadattaw l-istrutturi ta' l-pprezzar tagħhom għall-kundizzjonijiet tas-suq u l-preferenza tal-konsumatur. |

Emenda 9
PREMESSA 18

| | |
|---|---|
| (18) ***Il-limiti massimi tal-prezzijiet*** *għandhom iqisu* l-elementi ***differenti*** involuti fit-twettiq ta' *sejħa* bir-roaming internazzjonali (inklużi l-ispejjeż, is-sinjalar, il-bidu, it-tranżitu u t-terminazzjoni tas-sejħa), u d-differenzi fl-ispejjeż sottostanti għall-għoti tas-servizzi tar-roaming internazzjonali fir-rigward tas-*sejħiet* magħmula *lil* destinazzjoni fi ħdan il-pajjiż *miżjur*, minn naħa, u *sejħiet* lura għall-pajjiż ta' residenza tal-*klijent* li qed juża r-roaming jew pajjiż terz fi ħdan il-Komunità, min-naħa l-oħra. | (18) ***Kull regolamentazzjoni tas-suq*** *għandha tqis* l-elementi kollha relevanti involuti fit-twettiq ta' *telefonata* bir-roaming internazzjonali (inklużi l-ispejjeż, is-sinjalar, il-bidu, it-tranżitu u t-terminazzjoni tas-sejħa), u d-differenzi fl-ispejjeż sottostanti għall-għoti tas-servizzi tar-roaming internazzjonali fir-rigward tat-*telefonati* magħmula *lejn* destinazzjoni fi ħdan il-pajjiż *taż-żjara*, minn naħa, u *telefonati* lura għall-pajjiż ta' residenza tal-*klijent* li qed juża r-roaming jew pajjiż terz fi ħdan il-Komunità, min-naħa l-oħra. ***Minħabba s-sempliċità, il-limitu tal-prezzijiet bl-ingrossa għandu jkun espress bħala massimu uniku mħallat (.*** |

Emenda 10
PREMESSA 19

| | |
|---|---|
| (19) Il-***limiti*** massimi tal-***prezz*** għall-għoti ta' sejħa roaming internazzjonali fuq il-livell bl-ingrossa *għandhom ikunu bbażati* fuq ir-rata medja kull minuta għat-terminazzjoni mobbli għall-operaturi b'*setgħa tas-suq sinifikanti*, minħabba li rati ta' terminazzjoni bħal dawn huma diġà soġġetti għas-superviżjoni regolatorja skond il-qafas | (19) Il-***prezz*** massimu għall-*provediment* ta' *telefonata* roaming internazzjonali fuq il-livell bl-ingrossa *għandha tkunu bbażata* fuq ir-rata medja *għal* kull minuta *tat*-terminazzjoni mobbli ***ikkalkulata bħala medja ta' rati 'peak' u 'off-peak'*** għall-operaturi *b'saħħa sinifikanti fis-suq* , minħabba li rati ta' terminazzjoni bħal dawn |

regolatorju ta' l-2002 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u, għalhekk, għandhom jiġu ddeterminati b'referenza għall-prinċipju ta' l-orjentazzjoni tal-prezz. Minħabba l-karatteristiċi tas-suq għat-terminazzjoni tas-sejħa fuq netwerks mobbli pubbliċi individwali u n-natura *transfruntaliera* tar-roaming internazzjonali, dawn jipprovdu bażi stabbli għar-regolamentazzjoni li hija rappreżentattiva ta' l-istrutturi tal-prezzijiet u l-ispejjeż tan-netwerks mobbli madwar il-Komunità. Ir-rata medja ta' terminazzjoni mobbli tipprovdi livell affidabbli għall-komponenti ewlenin ta' l-ispiża *fuq il-livell bl-*ingrossa, u limitu massimu tal-prezz bl-ingrossa *bbażata* fuq multiplu xieraq ta' rata medja bħal din għat-terminazzjoni mobbli għandu għalhekk jassigura li l-ispejjeż *reali ta' l-għoti ta' sejħiet* roaming regolati jistgħu jiġu rkuprati.

huma diġà soġġetti għas-superviżjoni regolatorja skond il-qafas regolatorju ta' l-2002 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u, għalhekk, għandhom jiġu ddeterminati b'referenza għall-prinċipju ta' l-orjentazzjoni tal-prezz. Minħabba l-karatteristiċi tas-suq għat-terminazzjoni *tat-telefonata* fuq netwerks mobbli pubbliċi individwali u n-natura *transkonfinali* tar-roaming internazzjonali, dawn jipprovdu bażi stabbli għar-regolamentazzjoni li hija rappreżentattiva ta' l-istrutturi tal-prezzijiet u l-ispejjeż tan-netwerks mobbli madwar il-Komunità. Ir-rata medja ta' terminazzjoni mobbli tipprovdi livell affidabbli għall-komponenti ewlenin ta' l-ispiża *fuq livell ta' ingrossa*, u limitu massimu tal-prezz bl-ingrossa *bbażat* fuq multiplu xieraq ta' rata medja għat-terminazzjoni mobbli bħal din għandu għalhekk jassigura li l-ispejjeż reali *tal-provediment ta' telefonati* roaming regolati jistgħu jiġu rkuprati.

Emenda 11
PREMESSA 20

(20) Il-***limitu massimu tal-prezz*** applikabbli fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut għandu jagħti lill-klijenti roaming l-assigurazzjoni li mhux se jinżammilhom prezz eċċessiv meta jkunu qed jagħmlu sejħa roaming ***irregolata***, filwaqt li jħallu lill-operaturi nazzjonali marġni biżżejjed sabiex jiddifferenzjaw il-prodotti li joffru lill-klijenti.

(20) *It-**Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur*** applikabbli fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut *għandha tagħti* lill-klijenti roaming l-assigurazzjoni li mhux se jinżammilhom prezz eċċessiv meta jkunu qed jagħmlu ***jew jirċievu*** *telefonata* ***bil-vuċi*** roaming, ***billi jipprovdu tariffa relatata mill-qrib ma' l-ispiża tal-provediment tas-servizz***, filwaqt li jħallu lill-operaturi nazzjonali marġni biżżejjed sabiex jiddifferenzjaw il-prodotti li joffru lill-klijenti.

Emenda 12
PREMESSA 21

***(21) Il-fornituri tas-servizzi tar-roaming internazzjonali għal sejħiet li jsiru waqt ir-roaming barra mill-pajjiż proprju kif koperti minn dan ir-Regolament għandhom ikollhom perjodu li fih jaġġustaw il-***

***mħassar***

***prezzijiet bl-imnut tagħhom b'mod volontarju sabiex jikkonformaw mal-limiti massimi previsti fir-Regolament. Jixraq li jitħalla perjodu ta' sitt xhur għal dan il-għan, sabiex il-protagonisti tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu l-addattamenti meħtieġa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-premessa 13See justification to recital 13.*Emenda 13
PREMESSA 21

| | |
|---|---|
| (21) Il-fornituri tas-servizzi tar-roaming internazzjonali għal *sejħiet* li jsiru waqt ir-roaming barra mill-pajjiż proprju kif koperti minn dan ir-Regolament *għandhom ikollhom* perjodu li fih jaġġustaw il-prezzijiet bl-imnut tagħhom b'mod volontarju sabiex jikkonformaw mal-***limiti massimi*** previsti fir-Regolament. Jixraq li jitħalla perjodu ta' ***sitt*** xhur għal dan il-għan, sabiex il-protagonisti tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu l-*addattamenti* meħtieġa. | (21) Il-fornituri tas-servizzi tar-roaming internazzjonali għal *telefonati* li jsiru waqt ir-roaming barra mill-pajjiż proprju kif koperti minn dan ir-Regolament *għandu jkollhom* perjodu li fih jaġġustaw il-prezzijiet bl-imnut tagħhom b'mod volontarju sabiex jikkonformaw mat-***Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur*** previsti fir-Regolament. Jixraq li jitħalla perjodu ta' ***tliet*** xhur għal dan il-għan, sabiex il-protagonisti tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu l-*adattamenti* meħtieġa. |

Emenda 14
PREMESSA 22

| | |
|---|---|
| ***(22) B'mod simili, limitu massimu għandu jiġi applikat għall-prezzijiet li l-klijenti roaming jista' jkollhom iħallsu biex jirċievu sejħiet bit-telefonija bil-leħen filwaqt li jużaw ir-roaming imsiefra fil-Komunità sabiex ikun żgurat li l-prezzijiet jirriflettu aktar mill-qrib kemm jiswa l-għoti ta' dan is-servizz, u sabiex il-klijenti jingħataw ċertezza akbar dwar it-tariffi li jkollhom iġarrbu meta jwieġbu l-mowbjal tagħhom meta jkunu msiefra.*** | ***mħassar*** |

Emenda 15
PREMESSA 23

| | |
|---|---|
| (23) Dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika offerti innovattivi lill-konsumaturi li jkunu aktar favorevoli ***mit-*** | (23) Dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika offerti innovattivi lill-konsumaturi li jkunu aktar favorevoli ***mit-*** |

| | |
|---|---|
| ***tariffi massimi kull minuta*** li hemm f'dan ir-Regolament. | ***Tariffi għall-Ħarsien tal-Konsumatur*** li hemm f'dan ir-Regolament ***u fil-fatt jinkoraġġixxi offerti innovattivi lil konsumaturi tar-roaming b'rati anqas mit-Tarriffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur. Huwa importanti li jkun ċar li dan ir-Regolament ma jirrikjedix li jiġu introdotti tariffi tar-roaming f'dawk il-każijiet fejn dawn tneħħew kompletament (pereżempju s-suq ezistenti fuq il-bażi ta' gżira sħiħa bejn ir-Repubblika ta' l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq),u lanqas ma jirrikkjedi li jinżammu t-tariffi eżistenti tar-roaming.*** |

Emenda 16
PREMESSA 23 A (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(23a) Filwaqt li tekniki ta' kif jitmexxa t-traffiku jistgħu jikkontribwixxu sabiex l-utenti dejjem iħallsu l-iktar prezz baxx tar-roaming disponibbli, jistgħu ukoll jillimitaw l-għażla ta' l-utent. Il-konsumatur tar-roaming dejjem għandu jkun f'pużizzjoni li jagħżel manwalment in-netwerk ospitanti li jippreferi juża.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Tispjega l-Artikolu l-ġdid 6aExplains the new Article 6a.*

Emenda 17
PREMESSA 24

| | |
|---|---|
| (24) Ir-rekwiżiti ta' l-ipprezzar f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mingħajr ma jitqies jekk il-klijenti li qed jużaw ir-roaming ikollhomx kuntratt imħallas minn qabel jew wara mal-fornitur *ta' fejn jirrisjedu*, sabiex jiġi żgurat li l-utenti kollha tat-telefonija mobbli bil-*leħen ikunu* jistgħu jgawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. | (24) Ir-rekwiżiti ta' l-ipprezzar f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw mingħajr ma jitqies jekk il-klijenti li qed jużaw ir-roaming ikollhomx kuntratt imħallas minn qabel jew wara mal-fornitur *tal-pajjiż ta' l-oriġini*, ***u rrispettivament minn jekk il-fornitur tal-pajjiż ta' l-oriġini huwiex qed jerġa' jbiegħ is-servizzi ta' telefonija mobbli bil-vuċi jew le***, sabiex jiġi żgurat li l-utenti kollha tat-telefonija mobbli bil-*vuċi jkunu* jistgħu jgawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan |

| | |
|---|---|
| | ir-Regolament. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jiċċara li r-Regolament japplika wkoll għall-hekk imsejħa operaturi tan-netwerk mobbli virtwaliClarifies that the Regulation applies also to so called mobile virtual network operators.*

Emenda 18
PREMESSA 26

| | |
|---|---|
| (26) Sabiex titjieb it-trasparenza tal-prezzijiet bl-imnut biex wieħed jagħmel jew jirċievi *sejħiet* roaming fil-Komunità u sabiex il-klijenti roaming ikunu megħjuna jagħmlu deċiżjonijiet dwar l-użu tal-mowbajls tagħhom meta jkunu msiefra, il-fornituri tas-servizzi tat-telefonija mobbli għandhom jgħinu lill-klijenti roaming tagħhom jiksbu faċilment informazzjoni dwar it-tariffi roaming applikabbli għalihom, fl-Istat taż-żjara kkonċernata, fuq talba u bla ħlas. It-trasparenza titlob ukoll li l-fornituri jagħtu tinformazzjoni dwar it-tariffi tar-roaming meta jsiru l-abbonamenti u li jagħtu wkoll lill-klijenti tagħhom aġġornamenti perjodiċi dwar it-tariffi tar-roaming kif ukoll meta jseħħu bidliet sostanzjali. | (26) Sabiex titjieb it-trasparenza tal-prezzijiet bl-imnut biex wieħed jagħmel jew jirċievi *telefonati* roaming fil-Komunità u sabiex il-klijenti roaming ikunu megħjuna jagħmlu deċiżjonijiet dwar l-użu tal-mowbajls tagħhom meta jkunu msiefra, il-fornituri tas-servizzi tat-telefonija mobbli għandhom jgħinu lill-klijenti roaming tagħhom jiksbu faċilment informazzjoni dwar it-tariffi roaming applikabbli għalihom, fl-Istat taż-żjara kkonċernata, fuq talba u bla ħlas. It-trasparenza titlob ukoll li l-fornituri jagħtu tinformazzjoni dwar it-tariffi tar-roaming meta jsiru l-abbonamenti u li jagħtu wkoll lill-klijenti tagħhom aġġornamenti perjodiċi dwar it-tariffi tar-roaming kif ukoll meta jseħħu bidliet sostanzjali. ***Ukoll, fl-interess tat-trasparenza, kull fornitur tal-pajjiż ta' l-oriġini għandu jintalab joffri lill-konsumatur tar-roaming, meta mitlub, servizz b'xejn ta' kalkolu personalizzat ta' l-aħjar għażla disponibbli għall-konsumatur fuq il-bażi tal-profil tat-telefonati tiegħu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titjieb it-trasparenza u sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq, il-konsumatri għandhom ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni faċilment dwar l-aktar tariffi vantaġġjużi għalihom, adattati għall-profil tat-telefonati tagħhom.*

Emenda 19
PREMESSA 27

| | |
|---|---|
| (27) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li huma responsabbli għat-twettiq tal-kompiti skond il-qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi *għandhom* | (27) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li huma responsabbli għat-twettiq tal-kompiti skond il-qafas regolatorju ta' l-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi *għandu* |

*ikollhom* is-setgħat meħtieġa biex jissorveljaw u jinfurzaw l-obbligi f'dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom. Għandhom ukoll jimmonitorjaw żviluppi fl-iprezzar tas-servizzi tal-leħen u d-data għall-klijenti mobbli li jkunu qed jużaw ir-roaming fil-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ispejjeż speċifiċi marbuta mas-sejħiet roaming li jsiru fir-reġjuni periferiċi tal-Komunità u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati b'mod xieraq fuq is-suq bl-ingrossa. Għandhom jiżguraw ukoll li informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament tkun disponibbli għall-utenti tas-servizzi tat-telefonija mobbli.

*jkollhom* is-setgħat meħtieġa biex jissorveljaw u jinfurzaw l-obbligi f'dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom. Għandhom ukoll jimmonitorjaw żviluppi fl-iprezzar tas-servizzi tal-leħen u d-data għall-klijenti mobbli li jkunu qed jużaw ir-roaming fil-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ispejjeż speċifiċi marbuta mas-sejħiet roaming li jsiru fir-reġjuni periferiċi tal-Komunità u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati b'mod xieraq fuq is-suq bl-ingrossa. ***Huma għandhom jimmoniterjaw it-tendenzi tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' komunikazzjoni bil-leħen u d-data u jiżguraw li t-tnaqqis fit-tariffi roaming b'dan ir-Regolament ma jpattux għalih it-tariffi tas-sejħiet bil-mowbajl fl-istess pajjiż.*** Għandhom jiżguraw ukoll li informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament tkun disponibbli għall-utenti tas-servizzi tat-telefonija mobbli. ***Huma għandhom jippubblikaw ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ kull sitt xhur. Għandha tingħata informazzjoni separata dwar il-klijenti korporattivi, dawk li jħallsu wara (post-paid) u dawk li jħallsu bil-quddiem (pre-paid).***

Emenda 20
PREMESSA 29

(29) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[1].

ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(29) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[1].

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE(ĠU L200, 22.7.2006, p.11).***

*Ġustifikazzjoni*

*Technical amendment regarding new comitology procedure*

Emenda 21
PREMESSA 29 A (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(29a) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta emendi għall-annessi ta' dan ir-Regolament sabiex tadattahom għall-iżviluppi tekniċi u tas-suq. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-premessa 19See justification to recital 19.*

Emenda 22
PREMESSA 30

| | |
|---|---|
| (30) Minħabba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li jiġi stabbilit mekkaniżmu komuni li jiżgura li l-utenti tan-netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli msiefra fil-Komunità ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għar-roaming internazzjonali waqt li jkunu qed jagħmlu *sejħiet bil-leħen* jew jirċievu *sejħiet bil-leħen*, biex b'hekk jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi mobbli, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'l-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu neċessarju sabiex | (30) Minħabba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li jiġi stabbilit mekkaniżmu komuni li jiżgura li l-utenti tan-netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli msiefra fil-Komunità ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għar-roaming internazzjonali waqt li jkunu qed jagħmlu *telefonati bil-vuċi* jew jirċievu *telefonati bil-vuċi****, billi jipprovdu prezz awtomatiku massimu aktar qrib ta' l-ispejjeż tal-provediment tas-servizz,*** biex b'hekk jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi mobbli, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'l-istess |

| | |
|---|---|
| jintlaħqu dawk l-għanijiet. | Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-premessa 14See justification to recital 14.*

Emenda 23
Artikolu 1, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jintroduċi mekkaniżmu komuni, imsejjaħ il-metodu tas-Suq Intern Ewropew, sabiex jiġi żgurat li l-utenti tan-netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli li jkunu msiefra fil-Komunità, ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming internazzjonali meta jċemplu u jirċievu telefonati, biex b'hekk jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi mobbli. Ir-Regolament jistipola regoli dwar it-tariffi li jistgħu jinżammu mill-operaturi tal-mowbajl għall-għoti ta' servizzi tar-roaming internazzjonali għal *sejħiet* bil-leħen li joriġinaw u jitterminaw fi ħdan il-Komunità u *japplikaw* kemm għat-tariffi miżmuma bejn l-operaturi tan-netwerk fuq il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll għat-tariffi miżmuma mill-fornitur fil-pajjiż ta' *residenza tal-klijent* għall-bejgħ bl-imnut. | 1. Dan ir-Regolament jintroduċi mekkaniżmu komuni, imsejjaħ il-metodu tas-Suq Intern Ewropew, sabiex jiġi żgurat li l-utenti tan-netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli li jkunu msiefra fil-Komunità, ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming internazzjonali meta jċemplu u jirċievu telefonati, ***billi jipprovdi Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur fil-livell ta' bejgħ bl-imnut*. *Dan jistipola wkoll regoli għat-titjib fil-provediment ta' l-informazzjoni dwar it-tariffi lill-utenti tas-servizzi roaming, inklużi servizzi ta' komunikazzjoni ta' data***, biex b'hekk jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tat-telefonija mobbli. Ir-Regolament jistipola regoli dwar it-tariffi li jistgħu jinżammu mill-operaturi tal-mowbajl għall-għoti ta' servizzi tar-roaming internazzjonali għal *telefonati* bil-leħen li joriġinaw u jitterminaw fi ħdan il-Komunità u *japplika* kemm għat-tariffi miżmuma bejn l-operaturi tan-netwerk fuq il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll għat-tariffi miżmuma mill-fornitur fil-pajjiż ta' *l-oriġini* għall-bejgħ bl-imnut. |

Emenda 24
ARTIKOLU 1 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** <br> ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tal-prezz u titjieb l-informazzjoni tal-konsumatur dwar il-prezzijiet tas-servizz ta' roaming.*** |

Emenda 25
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (A)

| | |
|---|---|
| (a) "fornitur nazzjonali" tfisser l-impriża li tipprovdi lill-klijent roaming b'servizzi terrestri pubbliċi tat-telefonija mobbli ***fuq il-livell tan-negozju bl-imnut***; | (a) "fornitur nazzjonali" tfisser l-impriża li tipprovdi lill-klijent roaming b'servizzi terrestri pubbliċi tat-telefonija mobbli; |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda flimkien ma' l-emendi għall-Artikolu 2 timmiraw li tissimplifika u tiċċaraw id-definizzjonijiet propostri mill-Kummissjoni.*

Emenda 26
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT B

| | |
|---|---|
| (b) "netwerk nazzjonali" tfisser in-netwerk mobbli terrestri pubbliku li jinsab fi Stat Membru u li jintuża minn fornitur nazzjonali għall-*għoti* ta' servizzi terrestri pubbliċi tat-telefonija mobbli lill-klijent roaming; | (b) "netwerk nazzjonali" tfisser in-netwerk tat-***telefonija*** mobbli terrestri pubbliku li jinsab fi Stat Membru u li jintuża minn fornitur nazzjonali, ***kemm jekk ibigħ mill-ġdid (reseller) u kemm jekk le***, għall-*provediment* ta' servizzi terrestri pubbliċi tat-telefonija mobbli lill-klijent roaming; |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun ċar li l-operaturi tan-netwerk virtwali mobbli huma inklużi, kif maħsub mill-proposta tal-Kummissjoni.To make explicit that mobile virtual network operators are included, as intended by the Commission proposal*

Emenda 27
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (C)

| | |
|---|---|
| (c) "roaming internazzjonali" tfisser l-użu ta' mowbajl ***jew*** mezz ***ieħor*** minn klijent roaming biex iċempel jew jirċievi t-telefonati, filwaqt li jkun barra mill-Istat Membru li fih hemm in-netwerk nazzjonali tal-klijent, permezz ta' arranġamenti konklużi bejn l-operatur tan-netwerk nazzjonali u l-operatur tan-netwerk imsejjaħ; | (c) "roaming internazzjonali" tfisser l-użu ta' mezz mowbajl minn klijent roaming biex iċempel jew jirċievi t-telefonati ***bil-vuċi***, filwaqt li jkun barra mill-Istat Membru li fih hemm in-netwerk nazzjonali tal-klijent, permezz ta' arranġamenti konklużi bejn l-operatur tan-netwerk nazzjonali u l-operatur tan-netwerk imsejjaħ; |

*Ġustifikazzjoni*

*See justification to Artikolu 2, paragrafu 2, punt (a)*

Emenda 28
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (D)

| | |
|---|---|
| ***(d) "sejħa roaming regolata" tfisser sejħa tat-telefonija mobbli bil-leħen magħmula minn klijent roaming, li toriġina fuq netwerk imsejjaħ u li tittermina fuq netwerk pubbliku tat-telefown fi ħdan il-Komunità;*** | ***mħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*See justification to Artikolu 2, paragrafu 2, punt (a)*

Emenda 29
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (E)

| | |
|---|---|
| (e) "klijent roaming" tfisser klijent ta' fornitur ***ta' servizzi pubbliċi terrestri tat-telefonija mobbli, permezz ta' netwerk mobbli pubbliku terrestri li jinsab fil-Komunità***, li juża l-mowbajl ***jew*** mezz ***ieħor*** biex iċempel jew jirċievi telefonati fuq netwerk imsejjaħ permezz ta' arranġamenti li jkunu saru bejn l-operatur tan-netwerk nazzjonali u l-operatur tan-netwerk imsejjaħ; | (e) "klijent roaming" tfisser klijent ta' fornitur ***nazzjonali***, ***irrispettivament jekk il-klijent għandux kuntratt imħallas minn qabel jew wara***, li juża l-mezz mowbajl biex iċempel jew jirċievi telefonati ***bil-leħen*** fuq netwerk *ospitanti* permezz ta' arranġamenti li jkunu saru bejn l-operatur tan-netwerk nazzjonali u l-operatur tan-netwerk *ospitanti*; |

*Ġustifikazzjoni*

*See justification to Artikolu 2, paragrafu 2, punt (a)*

Emenda 30
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (E A) (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(eb) "konsumaturi roaming eżistenti" huma konsumaturi roaming li ma jkunux konsumaturi roaming eżistenti tal-fornitur nazzjonali relevanti fiż-żmien meta daħlu fis-seħħ l-obbligi ta' l-Artikolu 4.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' konsumaturi tar-roaming "ġodda" u "eżistenti"huwa rilvenati għad-dibattitu ta' jekk ir-Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur proposta hix taħlita ta' "opt-in" jew "opt-out"tat-tnejn. It-Tariffa għall-Ħarsien tal-Konsumatur għandha tkun it-tariffa awtomatika għal konsumaturi ġodda li ma jagħżlux b'mod speċifiku tariffa oħra filwaqt li, b'kuntrast, din għandha tkun disponibbli għal dawk il konsumaturi li jagħżluha. Sabiex jiġu promossi ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jidher li hemm bżonn ta' definizzjonijiet mhux ambigwi ta' konsumaturi "ġodda" u "eżistenti".*

Emenda 31
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (E B) (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(eb) "konsumaturi roaming eżistenti" huma konsumaturi roaming li diġà kienu konsumaturi roaming tal-fornitur nazzjonali tagħhom inkwistjoni fiż-żmien meta daħlu fis-seħħ l-obbligi ta' l-Artikolu 4.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 2, il-paragrafu 2, punt (ea) (ġdid).*

Emenda 32
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2, PUNT (F)

| | |
|---|---|
| (f) "netwerk imsejjaħ" tfisser netwerk terrestri pubbliku tat-telefonija mobbli li jinsab fi Stat Membru li mhuwiex dak tan-netwerk nazzjonali u li jippermetti klijent roaming li jċempel jew jirċievi telefonata permezz ta' arranġamenti ma' l-operatur tan-netwerk nazzjonali; | (f) "netwerk imsejjaħ" tfisser netwerk terrestri pubbliku tat-telefonija mobbli li jinsab fi Stat Membru li mhuwiex dak tan-netwerk nazzjonali u li jippermetti klijent roaming li jċempel jew jirċievi telefonata ***bil-leħen*** permezz ta' arranġamenti ma' l-operatur tan-netwerk nazzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 2, paragrafu 2, punt (a).*

Emenda 33
ARTIKOLU 3, TITOLU

| | |
|---|---|
| Tariffi bl-ingrossa għal sejħiet roaming regolati | Tariffi bl-ingrossa biex isiru sejħiet roaming |

Emenda 34
ARTIKOLU 3

| | |
|---|---|
| It-tariffa totali bl-ingrossa li l-operatur ta' netwerk imsejjaħ jista' jżomm lill-operatur tan-netwerk tal-klijient roaming sabiex tingħata sejħa roaming regolata, inkluż inter alia l-oriġini, it-tranżitu, u t-terminazzjoni, m'għandhiex taqbeż l-ammonti applikabbli kull minuta stabbiliti skond l-Anness. | It-tariffa ***medja*** bl-ingrossa li l-operatur ta' netwerk imsejjaħ jista' jżomm lil ***kwalunkwe*** operatur sabiex tingħata sejħa roaming ***bil-leħen*** m'għandhiex taqbeż l-***EUR 0,25*** kull minuta ***għal kull perjodu li jibda mill-1 ta' Settembru u jispiċċa fil-31 ta' Awwissu, ħlief għal operaturi liċenzjati fl-iżjed reġjuni mbegħda tal-Komunità li jkollhom jikkomformaw mal-limiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness. It-tariffa medja bl-ingrossa għandha tiġi kkalkulata fuq perjodu ta' tnax-il xahar.*** <br><br> ***It-tariffa medja bl-ingrossa għandha tiġi kkalkulata billi jiġi diviż id-dħul totali bl-ingrossa mir-roaming fir-rigward tas-sejħiet rilevanti magħmulin matul il-perjodu rilevanti bin-numru korrispondenti ta' minuti ta' roaming bl-ingrossa.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*An average wholesale cap allows operators flexibility to set different rates to reflect differences in the cost of using their network, between peak and off-peak times or across different routes for example. Allowing this flexibility incentivises operators to use their network as efficiently as possible, sending the right price signals to the market and so facilitating the development of competition. Applying a maximum cap is likely to lead to uniform wholesale prices set at the maximum permitted level. Specifying an absolute number, rather than formulae, for the wholesale cap is simpler and aids transparency and legal certainty. The period over which the average is to be measured and the method of calculating the average needs to be specified. The dates stated assume that the Regulation is dated 1 July 2007 and hence wholesale regulation would come into effect 2 months after publication of the Regulation. The average must be respected for transactions between any pair of operators to ensure that each network operator benefits from the protection of regulated wholesale rates.*

*Due to their specific costs, the case of outermost regions should be handled separately.*

Emenda 35
ARTIKOLU 3 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** <br><br> ***Netwerk terrestri pubbliku tat-telefonija*** |

| | |
|---|---|
| | ***mobbli li jinsab fi Stat Membru għandu jagħmel disponibbli lin-netwerks terrestri pubbliċi tat-telefonija mobbli l-oħrajn kollha fi ħdan il-Komunità servizzi tar-roaming internazzjonali bl-ingrossa għal sejħiet bil-leħen, għas-Servizz ta' Messaġġ Qasir (SMS) u għat-trasferiment tad-dejta.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*The Commission's regulation would ensure that wholesale roaming charges are set at reasonable levels. However, there is no requirement on operators to offer wholesale roaming services to other operators. Some operators may decide in future not to offer roaming services to their rivals in other countries, taking the view that the competitive harm done to rivals is worth more than the (regulated) profit foregone. In many cases, operators have no option but to buy wholesale roaming services from their direct competitors. Without an obligation to supply, some operators, especially smaller operators, may find they are unable to get wholesale roaming services at all. As the Commission recognizes at recitals 4 and 6, national regulatory authorities have been unable to address effectively the wholesale market failures in international roaming. This Regulation must contain powers to ensure that wholesale roaming services are available.*

Emenda 36
ARTIKOLU 4, TITOLU

| | |
|---|---|
| ***Tariffi bl-imnut għal sejħiet roaming regolati*** | ***Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur*** |

Emenda 37
ARTIKOLU 4

| | |
|---|---|
| Soġġett għall-Artikolu 5, it-tariffa totali bl-imnut, eskluża l-VAT, li l-operatur ta' netwerk imsejjaħ jista' jżomm lill-operatur tan-netwerk tal-kijient roaming sabiex tingħata sejħa roaming irregolata m'għandhiex taqbeż130% tat-tariffa bl-ingrossa massima applikabbli kull minuta stabbiliti skond l-Anness I. Il-limiti tat-tariffa f'dan l-Artiklu għandhom jinkludu kull element fiss marbut ma' l-għoti ta' sejħiet roaming irregeolati, inkluż tariffi biex tinbeda s-sejħa u ħlasijiet opt-in. | Soġġett għall-***Artikoli 2, 4a u 5, il-konsumaturi roaming il-ġodda kollha għandhom jirċievu t-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur b'mod awtomatiku, iżda għandu jkollhom l-opportunità li jirrifjutaw din it-tariffa biex ikollhom tariffa alternattiva mingħajr penali finanzjarja. Il-konsumaturi roaming eżistenti kollha għandhom ikollhom l-opportunità li jagħżlu t-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur mingħajr penali finanzjarja. Ir-rati tat-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur għandha tkun ta' EUR 0,50 kull minuta għal sejħa roaming bil-leħen fil-Komunità u EUR 0,25 kull minuta biex wieħed jirċievi sejħa bil-leħen waqt li juża*** |

***r-roaming fil-Komunità.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-ħsieb li żżid il-flessibilità u ċ-ċertezza legali waqt li żżomm il-livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur.*

Emenda 38
ARTIKOLU 4 A (ġdid)

***Artikolu 4a***

***Arranġamenti għall-applikazzjoni tat-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur***

***1. It-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur, kif definita fl-Artikolu 4, għandha tapplika b'mod awtomatiku għall-konsumaturi roaming il-ġodda ta' fornitur nazzjonali sakemm il-konsumaturi roaming il-ġodda jindikaw b'mod espliċitu li ma jixtiqux din it-tariffa u li jkunu jixtiequ wkoll tariffa oħra minn dawk offruti.***

***2. It-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur, kif definita fl-Artikolu 4, għandha tapplika għall-konsumaturi roaming il-ġodda biss jekk il-konsumaturi jagħżluha b'mod liberu u espliċitu.***

***3. Il-konsumaturi kollha għandhom ikunu informati b'mod ċar dwar l-għażliet imsemmijin fuq.***

***4. L-azzjoni ta' l-għażla ('opting in' u 'opting out') u l-informazzjoni dwarha għandhom ikunu sempliċi u bla ħlas.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsumaturi roaming il-ġodda jistgħu jużaw b'mod immedjat it-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur sakemm huma jagħżlu li ma jagħmlux dan. L-inklużjoni awtomatika tal-konsumaturi kollha eżistenti roaming fi skema ta' Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur toħloq problemi prattiċi kemm għall-fornituri nazzjonali u kemm għall-konsumaturi. Iżda l-konsumaturi roaming eżistenti, dejjem jekk ikunu jridu, għandu jkollhom l-għażla li jittrasferixxu t-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur. Il-fornitur nazzjonali għandu jinforma lill-konsumaturi kollha b'mod dettaljat, sempliċi u bla ħlas.*

Emenda 39
ARTIKOLU 5, TITOLU

| | |
|---|---|
| Meta tidħol fis-seħħ l-applikazzjoni tal-limiti massimi tat-tariffi bl-imnut għal sejħiet roaming regolati | Meta tidħol fis-seħħ l-applikazzjoni tat-***Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skema ta' Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur (CPT) hija preferibbli għal skema li taħdem b'limitu assolut ('cap'), għax din mhux biss toffri lill-konsumatur protezzjoni tajba iżda tħalli iżjed lok għall-kompetizzjoni, li aktarx ikun ukoll ta' fejda għall-konsumatur.*

Emenda 40
ARTIKOLU 5

| | |
|---|---|
| L-obbligi fl-Artikolu 4 għandhom jidħlu fis-seħħ sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | L-obbligi fl-Artikolu 4 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. |

Emenda 41
ARTIKOLU 6

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 6*** | ***mħassar*** |
| ***Tariffi bl-imnut biex wieħed jirċievi sejħiet waqt li juża r-roaming fil-Komunità*** | |
| ***It-tariffa totali bl-imnut, eskluża l-VAT, li fornitur nazzjonali jista' jżomm lill-klijent roaming tiegħu fir-rigward ta' meta l-klijent jirċievi sejħiet bit-telfonija bil-leħen waqt li jsejjaħ netwerk permezz tar-roaming m'għandhiex taqbeż, fuq bażi ta' kull minuta, 130% tar-rata medja ta' terminazzjoni mobbli ppubblikata skond l-Artikolu 10(3). Il-limiti tat-tariffi f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu kull element fiss marbut ma' l-għoti ta' sejħiet roaming irregolati, bħal tariffi ta' darba jew ħlasijiet opt-in.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 42
ARTIKOLU 6 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |

***Tmexxija tat-traffiku***

***Tekniki ta' kif jitmexxa t-traffiku m'għandhomx jintużaw biex itellfu lill-klijenti roaming milli jagħżlu manwalment netwerk imsejjaħ. Tali għażla għandha tibqa' operattiva sakemm il-klijent roaming ikun tefa' l-apparat jew telaq minn netwerk imsejjaħ.***

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 43
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 1

| | |
|---|---|
| 1. Kull fornitur nazzjonali għandu jipprovdi lill-klijent roaming tiegħu informazzjoni personalizzata ta' l-iprezzar dwar it-tariffi għall-bejgħ bl-imnut li japplikaw biex dak il-klijent iċempel jew jirċievi telefonati fl-Istat Membru miżjur. | 1. Kull fornitur nazzjonali għandu, ***mingħajr dewmien bla bżonn, jibgħat*** lill-klijent roaming tiegħu, ***meta jagħtih in-netwerk mitlub, messaġġ SMS bit-Tariffi ta' Ħarsien tal-Konsumatur applikabbli. Il-messaġġ għandu jinkludi numru tat-telefown li l-konsumaturi jistgħu jċemplu bil-mowbajl biex jikseb*** l-informazzjoni ***kollha*** dwar ***it-tariffi tar-roaming applikabbli***.<br><br>***Kull fornitur nazzjonali għandu joffri lill-klijenti roaming tiegħu l-opportunità li jagħżlu, b'mod sempliċi u bla ħlas, li jieqfu jirċievu din l-informazzjoni.***<br><br>***Il-fornituri nazzjonali għandhom, meta jintalbu, joffru l-istess informazzjoni f'forma mitkellma lill-konsumaturi tagħhom li jkunu neqsin mid-dawl jew li jkollhom viżta batuta.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsumaturi jirċievu f'messaġġ wieħed u sempliċi (ta' 160 karattru) l-informazzjoni bażika dwar it-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur u numru freephone għal iżjed informazzjoni dwar it-tariffi tar-roaming. Dan jevita li l-konsumaturi ikollhom wisq informazzjoni li jekk ikunu jriduha jkunu jistgħu jiksbu permezz ta' numru freephone. Il-konsumaturi jingħataw ukoll l-opportunità li jirrifjutaw tali informazzjoni b'mod sempliċi u bla ħlas. Fl-aħħar, jitqiesu wkoll il-bżonnijie tta' dawk neqsin mid-dawl jew li jkollhom viżta batuta..*

Emenda 44
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 2

| | |
|---|---|
| 2. Il-klijent jista' jagħżel li jagħmel din it-talba permzz ta' telefonata bil-mowbajl jew billi jibgħat SMS (Short Message Service), f'kull każ lil numru li jipprovdi l-fornitur nazzjonali għal dan il-għan, u jista' jagħżel li jirċievi l-informazzjoni jew waqt dik is-sejħa jew bl-SMS (fil-każ ta' l-aħħar mingħajr dewmien bla bżonn). | 2. ***Meta l-informazzjoni provduta skond il-paragrafu 1 ma tkunx tinkludi informazzjoni dwar it-tariffi mir-roaming tan-newtwerks kollha ta' l-Istat Membru fejn il-klijent ikun qed juża r-roaming,*** il-klijent jista' jitlob ***li tali informazzjoni tintbgħatlu b'mod addizzjonali mingħajr dewmien bla bżonn***. Il-fornituri jistgħu jaqdu t-talba tal-klijent roaming jew billi jipprovdu l-informazzjoni matul dik is-sejħa jew b'SMS, billi jqisu l-bżonnijiet tal-konsumaturi li jkunu neqsin mid-dawl jew li jkollhom viżta batuta. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-klijent li jkun qed juża r-roaming għandu jkun intitolat li jitlob informazzjoni li jkollha x'taqsam mat-tariffi tas-sejħiet roaming bil-leħen fl-Istat Membru li jkun qed iżur, għan-newtwerks kollha f'dak l-Istat Membru, sabiex ikun jista' jqabbel it-tariffi u jagħżel in-netwerk li jkollu l-aħjar offerta.*

Emenda 45
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 3

| | |
|---|---|
| 3. Is-servizzi ta' l-informazzjoni msemmija fuq għandhom jingħataw bla ħlas, kemm fir-rigward ta' meta ssir it-talba kif ukoll fir-rigward ta' l-informazzjoni mitluba. | 3. Is-***servizz*** ta' l-informazzjoni *msemmi* fuq *għandu jingħata* bla ħlas, kemm fir-rigward ta' meta ssir it-talba, ***jekk issir***, kif ukoll fir-rigward ta' l-informazzjoni mitluba. |

Emenda 46
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 4

| | |
|---|---|
| 4. L-informazzjoni personalizzata dwar l-iprezzar imsemmija f'dan l-Artikolu għandha tkun it-tariffi applikabbli skond l-iskema tariffarja tal-klijent roaming ikkonċernat biex iċempel u jirċievi t-telefonati fuq kull netwerk imsejjaħ fl-Istat Membru li fih il-klijent qed juża r-roaming. | 4. L-informazzjoni dwar l-ipprezzar imsemmija ***f'paragrafu 1*** għandha ***tqassar f'format standardizzat*** it-tariffi, ***inkluża l-VAT***, applikabbli skond l-iskema tariffarja tal-klijent roaming ikkonċernat biex iċempel u jirċievi t-telefonati ***bil-leħen*** fuq ***in-***netwerk imsejjaħ fl-Istat Membru li fih il-klijent qed juża r-roaming. ***Il-fornituri nazzjonali għandhom iressqu l-format standardizzat li jkun biħsiebhom jużaw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom.***<br><br>***L-informazzjoni kompluta dwar l-ipprezzar imsemmija fil-paragrafu 2 għandha*** |

***tinkludi t-tariffi applikabbli skond l-iskema tariffarja tal-klijent roaming ikkonċernat biex iċempel u jirċievi t-telefonati bil-leħen u biex jibgħat jew jirċievi dejta fuq in-netwerk imsejjaħ fl-Istat Membru li fih il-klijent ikun qed juża r-roaming lejn kwalunkwe destinazzjoni fil-Komunità. L-informazzjoni se tenfasizza d-differenzi bejn ir-rati peak u off-peak jew varjazzjonijiet oħra skond il-ħin.***

Emenda 47
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 5

| | |
|---|---|
| 5. Meta jsiru l-abbonamenti, il-fornituri nazzjonali għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa lill-klijenti ġodda dwar it-tariffi roaming applikabbli. Il-fornituri nazzjonali għandhom ukoll jagħtu aġġornamenti perjodiċi dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli lill-klijenti tagħhom fuq bażi perjodika u, flimkien ma' dan, kull darba li jkun hemm bidla sostanzjali f'dawn it-tariffi. | 5. Il-fornituri nazzjonali għandhom, ***mingħajr dewmien żejjed wara kull pubblikazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 10(3)***, jagħtu lil ***kull klijent*** informazzjoni sħiħa dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli. ***Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-prezz ta' kull minuta li bħalissa jrid jitħallas mill-klijent għall-sejħiet roaming bil-leħen u wkoll il-prezz għal kull SMS, MMS u unità ta' dejta bir-roaming, fejn japplika. Il-klijenti l-ġodda għandhom jingħataw din it-tip ta' informazzjoni bil-miktub*** meta jsiru l-abbonamenti. Il-fornituri nazzjonali għandhom ***jinkludu*** wkoll aġġornamenti dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli lill-klijenti tagħhom ***meta jipprovdu informazzjoni dwar it-tariffi jew bidliet fit-tariffi b'mod ġenerali, u meta it-tariffi tar-roaming jinbidlu. It-tariffi tar-roaming attwali għandhom jidhru b'mod prominenti fuq il-websajt tal-fornitur nazzjonali il-ħin kollu.*** |

Emenda 48
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 5 A (ġdid)

***5a. Il-fornituri nazzjonali għandhom jieħdu passi ċari u definittivi sabiex jiżguraw li jkun hemm għarfien mill-klijenti roaming kollha tagħhom dwar id-disponibilità tat-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur. Huma għandhom jibagħtu b'mod partikulari komunikazzjoni lil kull***

***klijent roaming fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament fejn jiddeskrivu t-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur b'mod ċar u imparzjali, u nota biex jiftakar f'intervalli stabbiliti minn hemm 'il quddiem. Huma għandhom jinkludu wkoll informazzjoni ċara dwar id-detalji i d-disponibilità tat-Tariffa ta' Ħarsien tal-Konsumatur, u l-informazzjoni kollha dwar il-fatturazzjoni għandha tkun disponibbli għall-ewwel 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament.***

***Il-konsumaturi roaming għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu jagħżlux (opt in u opt out) mingħajr dewmien bla bżonn u bla ħlas għal kemm-il darba jridu.***

Emenda 49
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 5 B (ġdid)

***5b. Kull fornitur nazzjonali għandu jintalab joffri, għall-benefiċċju tal-klijenti roaming u fuq talba tagħhom, servizz bla ħlas li bih jistgħu jitolbu stima personalizzata ta' l-iżjed għażla adegwata ta' tariffa disponibbli għalihom skond il-profil tas-sejħiet tagħhom.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' trasparenza u iżjed kompetizzjoni fis-settur, il-konsumaturi jridu jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-iżjed tariffa vantaġġjuża għalihom, skond il-profil tas-sejħiet tagħhom.*

Emenda 50
ARTIKOLU 7, PARAGRAFU 5 C (ġdid)

***5c. Bil-ħsieb li jkun hemm l-ogħla livell ta' trasparenza u sors ċar ta' informazzjoni dwar il-livelli ta' tariffi li jistgħu jkunu konsultazzjoni minn qabel mill-utenti, ir-regolaturi nazzjonali għandhom jipprovdu għall-ħolqien ta' simulatur tal-prezzijiet li jkun jista' jagħti stima ta' l-ispejjeż tar-roaming mistennija għall-operaturi varji. Tali simulaturi jridu jkunu konnessi b'mod reċiproku fuq livell Ewropew.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess ta' l-ogħla livell ta' trasparenza, hemm il-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu stima ta' l-ispejjeż tar-roaming tagħhom minn qabel u jsibu liema fornitur ikun jista' jagħtihom l-aqwa prezz permezz ta' simulatur. Dan is-simulatur jrid jitfassal minn regolatur nazzjonali biex tiġi salvagwardjata l-imparzjalità ta' l-informazzjoni. Maż-żmien tali simulaturi jridu jkunu konnessi b'mod reċiproku biex tiġi żgurata iżjed trasparenza fis-suq fl-Unjoni kollha. Tali simulatur huwa teknikament fattibbli, fuq il-mudell ta' dak li hemm fil-websajt tal-GSM Association.*

Emenda 51
ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 1

| | |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jikkontrollaw u jissorveljaw il-konformità ma’ dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom. | 1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jikkontrollaw u jissorveljaw il-konformità ma’ dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom. ***B'mod partikulari huma għandhom jimmonitorjaw il-konformità mal-prezzijiet medji għas-sejħiet li jsiru u li jkunu rċevuti, fuq il-bażi tal-prezzijiet bl-imnut totali miżmuma għar-roaming u t-total tan-numru ta' minuti ta' roaming għas-sejħiet li jsiru u li jkunu rċevuti.*** |

Emenda 52
ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 5

| | |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni aġġornata li għandha x’taqsam ma’ l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament; dan għandu jsir b’mod li jippermetti lill-partijiet interessati jkollhom aċċess faċli għal dik l-informazzjoni. | 5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni aġġornata li għandha x’taqsam ma’ l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament; dan għandu jsir b’mod li jippermetti lill-partijiet interessati jkollhom aċċess faċli għal dik l-informazzjoni. ***Huma għandhom jissorveljaw l-iżviluppi fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut għall-provvediment ta' servizzi ta' komunikazzjoni bil-leħen u bid-dejta għall-klijenti roaming , inklużi l-SMS u l-MMS, b'mod partikulari iżda mhux limitat għall-iżviluppi fl-iżjed reġjuni mbegħda tal-Komunità fir-rigward tal-prezzijiet speċifiċi relatati mas-sejħiet roaming magħmula f'tali reġjuni u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu rkuprati fis-suq bl-ingrossa, u għandhom jippubblikaw ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju kull 12-il*** |

***xahar. Għandha tingħata informazzjoni dwar il-klijenti korporattivi, dawk li jħallsu wara (post-paid) u dawk li jħallsu bil-quddiem (pre-paid) separatament.***

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 8, paragrafu 6)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda timmira li tgħaqqad il-paragrafi 5 u 6 ta' l-Artikolu 8 tal-proposta tal-Kummissjoni, u ssaħħaħ l-obbligi ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni tar-Regolament u biex iqiegħdu r-riżultati għad-dispożizzjoni ta' kullħadd.*

*L-obbligu dwar il-monitoraġġ tar-Regolament huwa deskritt b'mod ġenerali ħafna ('...li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjoni..."). Dan jista' jwassal biex informazzjoni differenti għalkollox tkun disponibbli madwar il-Komunità. Għandu għalhekk ikun identifikat u inkluż fir-Regolament qabel dan ikun iffinalizzat, sett bażiku ta' dejta li għandu jinġabar u jkun ippubblikat f'kull Stat Membru.*

Emenda 53
Artikolu 8, paragrafu 6

| | |
|---|---|
| ***6. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw l-iżviluppi fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut għall-għoti lill-klijenti roaming ta' servizzi ta' komunikazzjoni tal-leħen u tad-data, inkluż SMS (Short Message Service) u MMS (Multimedia Messaging Service), b'mod partikolari fir-reġjuni periferiċi tal-Komunità, u għandhom jikkomunikaw ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ lill-Kummissjoni meta din titlob għalihom.*** | ***mħassar*** |

*()*

*Ġustifikazzjoni*

*Inkorporat ma' l-Artikolu 8, paragrafu 5.*

Emenda 54
ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 6 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***6a. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li r-roħs fit-tariffi tar-roaming taħt dan ir-Regolament ma jpattux għalihom il-prezzijiet tas-sejħiet li jsiru bil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***mowbajl fl-istess Stat Membru.*** |

Emenda 55
ARTIKOLU 8, PARAGRAFU 8

| | |
|---|---|
| 8. Il-proċeduri ta' l-arranġament tat-tilwim barra l-qorti stabbiliti skond l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2002/22/KE għandhom ikunu wkoll disponibbli biex jitrattaw tilwim mhux solvut li jinvolvi l-konsumaturi u (jekk applikabbli skond il-liġi nazzjonali) utenti aħħarin oħrajn inklużi f'dan ir-Regolament. | 8. Il-proċeduri ta' l-arranġament tat-tilwim barra l-qorti stabbiliti skond l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2002/22/KE għandhom ikunu wkoll disponibbli biex jitrattaw tilwim mhux solvut li jinvolvi ***klijenti roaming li huma*** konsumaturi u (jekk applikabbli skond il-liġi nazzjonali) ***klijenti roaming*** oħrajn inklużi f'dan ir-Regolament. |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 56
ARTIKOLU 10, PARAGRAFU 5

| | |
|---|---|
| 5. L-impriżi soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li kull bidla għat-tariffi tagħhom li hija meħtieġa biex tiżgura l-konformità ma' l-Artikoli 3, 4 u 6 tidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn minn kull pubblikazzjoni skond il-paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu. | 5. L-impriżi soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li kull bidla għat-tariffi tagħhom li hija meħtieġa biex tiżgura l-konformità ma' ***l-Artikoli 3 u 4*** tidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn minn kull pubblikazzjoni skond il-paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu. |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 57
ARTIKOLU 10, PARAGRAFU 6

| | |
|---|---|
| 6. L-emendi meħtieġa biex l-Anness II jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi jew tas-suq għandhom jiġu adotatti mill-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3). | 6. L-emendi ***mfassla*** biex ***l-elementi mhux-essenzjali ta'*** l-Anness II jiġu adattati għall-iżviluppi tekniċi jew tas-suq għandhom jiġu adotatti skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** msemmija fl-***Artikolu 13(2a)***. |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 58
ARTIKOLU 12, TITOLU

| | |
|---|---|
| Proċedura ta' reviżjoni | Proċedura ta' reviżjoni ***u rapporti tal-Kummissjoni*** |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 59
ARTIKOLU 12

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għanda tirrevedi t-tħaddim ta' dan ir-Regolament u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lil-Kunsill mhux aktar minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tinkludi r-raġunament tagħha dwar il-ħtieġa kontinwata tar-regolazzjoni jew il-possibbiltà tar-revoka tagħha fid-dawl ta' l-iżviluppi fis-suq u fir-rigward tal-kompetizzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni lill-Istati Membri, li għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed. | ***1.*** Il-Kummissjoni għanda tirrevedi t-tħaddim ta' dan ir-Regolament u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lil-Kunsill mhux aktar minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. ***Dak*** ir-rapport għandu jinkludi analiżi ***dettaljata tal-ħtieġa*** kontinwata tar-regolazzjoni ***u għandha tkun akkumpanjata mill-proposti leġiżlattivi xierqa, jekk dan ikun neċessarju***. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni lill-Istati Membri, li għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed. |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 60
ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni tibqa' ssegwi żviluppi tal-prezzijiet fis-suq ta' komunikazzjoni tad-dejta, inkluż servizzi ta' SMS u MMS. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-iżviluppi f'dak is-suq fi żmien ...[1]. Dan ir-rapport għandu jinkludi proposta għal intervent, jekk tkun meqjusa meħtieġa, u għandha tati raġunijiet eżawrjenti għal kwalunkwe azzjoni proposta. Kull proposta għandha tista'*** |

***wkoll tkun preżentata separatament, kull meta mitluba mill-iżviluppi tas-suq jew min-nuqqas ta' dan.________***

***12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 61
ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1 B (ġdid)

***1b. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-effetti ta' dan ir-Regolament dwar is-sitwazzjoni kompetittiva ta' operaturi iżgħar, indipendenti jew li għadhom jibdew. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport sa...[1]. Dak ir-rapport għandu jinkludi proposta għall-intervent, jekk meqjus meħtieġ. Kull proposta għandha tista' wkoll tkun preżentata separatament, kull meta mitluba mill-iżviluppi tas-suq jew min-nuqqas ta' dan.***

_________

***12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 62
ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1 C (ġdid)

***1c. Il-Kummissjoni se tippublika rapport annwali dwar l-iżviluppi fi ħdan il-Komunità fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament.***

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 63
ARTIKOLU 12 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Dan ir-Regolament jiskadi tliet snin wara d-data li jkun daħal fis-seħħ. Wara dan il-perjodu l-industrija u l-UE għandhom jirsistu biex iwaqqfu Suq Intern Reali għas-servizzi tat-telefonija mobbli, billi jipprovdu għażla libera lil konsumaturi li japprofittaw minn kuntratt telefoniku ta' kwalunkwe operatur fl-UE, mingħajr l-obbligu li jgħixu fl-istat membru ta' dak l-operatur.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk is-suq ikun kompetittiv għal kollox fi żmien tliet snin, ma jibqax aktar ħtieġa tar-Regolament.*

Emenda 64
ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 2 A (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***2a. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li ssir konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** |

*Ġustifikazzjoni*

Emenda 65
ANNESS I, TITOLU

| | |
|---|---|
| Tariffi bl-ingrossa għal sejħiet roaming regolati msemmija fl-Artikolu 3 | Tariffi bl-ingrossa għal ***ċerti*** sejħiet roaming *imsemmija* fl-Artikolu 3 |

Emenda 66
ANNESS I, PARAGRAFU 1, PARTI INTRODUTTORJA

| | |
|---|---|
| It-tariffi totali bl-ingrossa li l-operatur tan-netwerk imsejjaħ jista' jżomm lill-operatur tan-netwerk nazzjonali tal-klijent roaming biex jagħmel sejħa roaming regolata li | ***Fejn ikun japplika**, **it-***tariffi totali bl-ingrossa li l-operatur tan-netwerk imsejjaħ jista' jżomm lill-operatur tan-netwerk nazzjonali tal-klijent roaming biex jagħmel |

toriġina fuq dak in-netwerk imsejjaħ m'għandhiex taqbeż, fuq bażi ta' kull minuta, ammont ugwali għar-rata medja tat-terminazzjoni mobbli ppubblikata skond l-Artikolu 10(3) mmoltiplikata:

sejħa roaming li toriġina fuq dak in-netwerk imsejjaħ m'għandhiex taqbeż, fuq bażi ta' kull minuta, ammont ugwali għar-rata medja tat-terminazzjoni mobbli ppubblikata skond l-Artikolu 10(3) mmoltiplikata:

Emenda 67
ANNESS II, PUNT (4 A) (ġdid)

***(4a) Għall-operaturi tat-telefonija mobbli liċenzjati fl-iżjed reġjuni mbegħda tal-Komunità, ir-rata medja tat-terminazzjoni mobbli rilevanti għandha tkun is-75 perċentili medja ta' l-MTRs ta' dawn l-operaturi għas-sena 2006, li hija nnifisha tinħadem fuq il-bażi tat-total tat-traffiku vokali riċevut miksub minn dawn l-operaturi matul dik is-sena fl-iżjed reġjuni mbegħda. It-tariffa medja rilevanti għas-servizzi tar-roaming bl-ingorssa għandha tiġi kkalkulata bl-istess mod.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-każ speċifiku ta' l-operaturi liċenzjati fl-iżjed reġjuni mbegħda tal-Komunità huwa indirizzat ukoll sabiex jiġi żgurat li dawn l-operaturi jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż tagħhom.*

## PROĊEDURA

| **Titolu** | Ir-roaming fuq netwerks pubbliċi mobbli |
|---|---|
| **Referenzi** | COM(2006)0382 - C6-0244/2006 - 2006/0133(COD) |

| | |
|---|---|
| **Kumitat responsabbli** | ITRE |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>5.9.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 5.9.2006 |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Joseph Muscat<br>4.10.2006 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 22.11.2006 19.12.2006 23.1.2007 25.1.2007<br>1.3.2007 21.3.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 22.3.2007 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 22<br>–: 19<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Nedzhmi Ali, Adam Bielan, Georgi Bliznashki, Godfrey Bloom, Charlotte Cederschiöld, Gabriela Creţu, Mia De Vits, Rosa Díez González, Martin Dimitrov, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Anna Hedh, Edit Herczog, Pierre Jonckheer, Alexander Lambsdorff, Toine Manders, Arlene McCarthy, Bill Newton Dunn, Zita Pleštinská, Karin Riis-Jørgensen, Zuzana Roithová, Luisa Fernanda Rudi Ubeda, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Ovidiu Ioan Silaghi, Alexander Stubb, Marianne Thyssen, Jacques Toubon, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | André Brie, Simon Coveney, Jean-Claude Fruteau, Othmar Karas, Manuel Medina Ortega, Joseph Muscat, Søren Bo Søndergaard, Ieke van den Burg |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali** | Bogusław Sonik, Zbigniew Zaleski, Sharon Bowles |